MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

# PRESS RELEASE / APRIL 2024

## PROTEZZJONI MINN SCAMS GĦALL-ABBONATI TAT-TELEFONIJA

Scams li jiddependu fuq l-użu ħażin jew l-abbuż tan-numri tat-telefown huma problema li qed tikber, u scams bħal dawn huma magħrufa li jnaqqru l-fiduċja tal-pubbliku fin-numri u s-servizzi tat-telefonija. Wara eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika fl-aħħar xhur tal-2023, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) bi pjaċir tħabbar il-pubblikazzjoni ta' Decision Notice dwar Miżuri Preventivi biex jitnaqqsu s-CLI spoofing u Vishing Scams. Din id-Decision Notice ddaħħal fis-seħħ sensiela ta' miżuri mmirati biex jiġu mwaqqfa telefonati li jiddependu fuq teknoloġija li tippermetti 'spoofing' tan-numri sabiex iqarrqu bin-nies (hekk imsejħa 'vishing scams'). Dawn il-miżuri huma l-ewwel pass biex ifixklu lill-iscammers, u b'hekk iżidu aktar protezzjoni għall-abbonati tat-telefonija f'Malta.

It-termini 'Calling Line Identification (CLI) spoofing' u 'vishing' huma termini tekniċi li forsi mhux kulħadd jaf bihom. Madankollu, minħabba ż-żieda fit-telefonati qarrieqa u l-komunikazzjonijiet malizzjużi esperjenzati madwar id-dinja f'dawn l-aħħar snin, inkluż f'Malta, iż-żieda korrispondenti fl-attenzjoni u l-għarfien dwar dan is-suġġett setgħet ġabet magħha xi familjarità. Xorta waħda, definizzjoni qasira taż-żewġ termini hija meritata.

CLI spoofing iseħħ meta min iċempel jirrappreżenta ħażin, u b'intenzjoni malizzjuża, is-sors tat-telefonata biex iqarraq bir-riċevitur, pereżempju, billi juri numru tat-telefon assoċjat ma' parti terza fdata, bħal bank jew dipartiment tal-gvern. Tali scams ta' impersonazzjoni jissejħu 'vishing scams', jiġifieri telefonati (tipikament b'CLI spoofing) li huma maħsuba biex iqarrqu bir-riċevituri u jġiegħluhom jikxfu informazzjoni sensittiva, personali jew finanzjarja, li mbagħad tintuża biex jitwettqu frodi jew reati oħra.

Fost iż-żieda qawwija fit-telefonati qarrieqa, l-MCA nnutat b'mod pożittiv sforz kollettiv minn diversi partijiet interessati biex titqajjem kuxjenza dwar komunikazzjonijiet malizzjużi u dwar kif jiġu evitati dawn l-iscams. L-MCA stess tippubblika wkoll b'mod regolari kontenut immirat biex titqajjem kuxjenza, bħal artikli fuq il-websajt tagħha u materjal promozzjonali ppubblikat permezz tal-midja

soċjali. Filwaqt li l-kampanji ta' għarfien se jkomplu jaqdu rwol, id-Decision Notice tal-MCA jiffoka minflok fuq it-tnaqqis ta' telefonati qarrieqa milli jilħqu abbonati assenjati numri tat-telefown Maltin permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mblukkar ibbażati fuq in-netwerk. Peress li l-maġġoranza tat-telefonati qarrieqa b'CLI spoofing jaslu Malta minn barra, operaturi lokali li joperaw 'network links' internazzjonali ta' Malta ma' operaturi barranin huma inkarigati, permezz ta' din id-Decision Notice, bl-implimentazzjoni ta' filtri speċifiċi bbażati fuq regoli biex jimblukkaw telefonati li x'aktarx ikunu qarrieqa.

Dawn il-filtri bbażati fuq regoli huma maħsuba biex jidentifikaw xenarji li x'aktarx jikkorrispondu għal użu illeġittimu jew mhux awtorizzat ta' numru tat-telefown Malti. Pereżempju, l-operaturi jkunu meħtieġa jimblukkaw telefonati fejn in-numru ta' min ikun qiegħed iċempel ikun invalidu (jibda bil-prefiss '3' jew '6') jew mhux permess (jibda bil-prefiss '5'). L-operaturi se jkunu meħtieġa wkoll jimblukkaw telefonati lejn numri Maltin minn numru ieħor Malti li jibda bil-prefiss '1', '2' jew '8' iżda fejn it-telefonati jaslu minn barra. Peress li s-servizz tat-telefonija assoċjat ma' numri bħal dawn huwa tipikament marbut ma' punt fiżiku f'Malta (eż. numru tat-telefown bil-linja fissa li jibda bil-prefiss '2'), huwa improbabbli li t-telefonati b'dawn in-numri jaslu Malta minn barra. Għaldaqstant, huwa ġeneralment ġustifikat li telefonati b'numri bħal dawn jiġu mblukkati jekk jaslu minn barra.

Każ partikolari ta' użu li jistħoqqlu aktar attenzjoni huwa l-użu, ġeneralment mill-utenti kummerċjali u organizzazzjonijiet, ta' 'overseas solutions', ċioè soluzzjonijiet li jinkludu applikazzjonijiet jew servizzi bbażati fuq l-internet jew fuq il-cloud li jippermettu li jiġu oriġinati telefonati lejn numri oħra tat-telefown mingħajr ma jiddependu fuq is-setup tat-telefonija offrut mill-fornitur tas-servizz lokali. F'telefonati bħal dawn, dawn is-soluzzjonijiet tipikament jippermettu lin-negozju jew lill-organizzazzjoni li tuża, bħala s-CLI tagħha, in-numru assenjat lilha mill-fornitur tas-servizz lokali (kif deskritti fid-Decision Notice, id-'decoupled call origination'). Dan ġeneralment isir biex min ikun qiegħed iċempel jidentifika ruħu kif suppost ma' min qiegħed jirċievi t-telefonata u b'hekk tiffaċilita kwalunkwe call-back, kif meħtieġ. L-MCA hija konxja li dawn is-soluzzjonijiet xi kultant jiġu integrati f'sistemi tan-negozju jew softwer użat f'operazzjonijiet ta' kuljum, pereżempju, permezz tal-użu ta' APIs.

Dan il-każ ta' użu jistħoqqlu referenza speċjali. L-MCA tirrikonoxxi li l-użu ta' soluzzjonijiet qed jiġġenera volum kbir ta' telefonati minn barra li jkollhom numru Malti. Madankollu, bħalissa l-ebda fornitur tas-servizz li jagħmel użu ta' soluzzjonijiet bħal dawn ma huwa nnotifikat lokalment mal-MCA biex jipprovdi servizzi ta' decoupled call origination b'mod regolat, u għaldaqstant l-MCA mhijiex f'pożizzjoni li tinforza kwalunkwe rekwiżit speċifiku (eż. validazzjoni tal-abbonat) fuq tali fornituri. Għaldaqstant, in-negozji u l-organizzazzjonijiet jeħtieġ li jaċċertaw jekk is-setup tekniku attwali tagħhom huwiex dipendenti fuq tali fornituri ta' servizz li bħalissa mhumiex awtorizzati, u li b'mod korrispondenti jieħdu azzjoni xierqa biex jindirizzaw din is-sitwazzjoni. Għandu jiġi enfasizzat li t-telefonati minn numri li jibdew bil-prefiss '1', '2' jew '8' se jsiru soġġetti li jiġu mblukkati ladarba l-filtri bbażati fuq regoli jiddaħħlu fis-seħħ mill-operaturi tan-network links internazzjonali, peress li dawn it-telefonati ma jistgħux jiġu distinti teknikament minn telefonati qarrieqa.

Sabiex tevita li tikkomprometti il-possibbiltà għall-utenti kummerċjali jew l-organizzazzjonijiet li jagħmlu użu leġittimu minn dawn is-soluzzjonijiet, id-Decision Notice tal-MCA tinkludi miżuri maħsuba biex jirregolaw tali servizzi. B'mod korrispondenti, id-Decision Notice tintroduċi obbligi li jirregolaw l-użu ta' servizzi ta' decoupled call origination b'numri Maltin speċifiċi f'soluzzjonijiet bħal dawn, kif ukoll obbligi relatati mal-proviżżjoni ta' servizzi permezz ta' soluzzjonijiet bħal dawn, soġġett li dawn il-fornituri jinnotifikaw lill-MCA li qed joffru dawn is-servizzi u jimplimentaw proċessi ta' validazzjoni tal-abbonati meta jużaw in-numri Maltin. Barra minn hekk, l-MCA qed timpenja ruħha li tqajjem kuxjenza dwar l-impatt potenzjali ta' dawn il-miżuri ta' mblukkar fix-xhur li ġejjin, filwaqt li il-fornituri tas-servizz lokali se jingħataw il-mandat li jieħdu sehem f'dan il-proċess permezz ta' notifiki lill-abbonati tagħhom dwar l-impatt tal-miżuri ta' mblukkar li se jiġu implimentati.

Bħala konklużjoni, l-MCA tħeġġeġ lill-utenti kummerċjali u l-organizzazzjonijiet kollha li jagħmlu użu minn 'overseas solutions' li mhumiex awtorizzati biex ifittxu assistenza mill-fornituri tas-servizz tagħhom, b'mod partikolari biex jiddeterminaw sa liema punt is-setup tagħhom huwa espost għall-miżuri ta' mblukkar li se jiġu implimentati, u dwar liema miżuri ta' rettifika jistgħu jiġu adottati. L-MCA stabbiliet skadenza għall-Ġimgħa, 1 ta' Novembru 2024 biex il-filtri l-ġodda bbażati fuq regoli jiġu attivati u b'hekk jibda l-imblukkar għal dawk it-telefonati li potenzjalment ikunu scams. Minn dan il-punt 'il quddiem, telefonati qarrieqa, kif ukoll telefonati li jsiru permezz ta' fornituri tas-servizz li mhumiex notifikati lokalment mal-MCA jibdew jiġu mblukkati.

Aktar informazzjoni dwar il-qafas tal-miżuri tal-MCA tista' tinstab fid-Decision Notice stess, li tista' titniżżel billi wieħed iżur is-sit elettroniku tal-MCA li huwa www.mca.org.mt. Alternattivament, tista' tagħmel kuntatt mal-MCA permezz tal-imejl fuq numbering@mca.org.mt jew tat-telefown fuq +356 2133 6840.